MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 227/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Mario Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-22 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex iwiegeb u jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€5,458.31), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok "A1" sa "A3", "B1" sa "B4"), flimkien ma' l-imghax ulterjuri

mill-21 t'April tas-sena 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *loans* gew moghtija lil Mario Mifsud permezz ta' zewg skritturi privati datati d-9 t'Ottubru tas-sena 2007, (Dok 'C' u 'D');

2. Illi dan, wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe` Dok "C" u "D" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi r-rikorrent Mario Mifsud:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi; u

(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati; u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti u b'hekk l-intimat iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2009, (Dok "E"), liema ittra giet oggezzjonata u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentant kontestwalment kontra Mario Mifsud li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' ammissjoni datata t-18 ta' Lulju tas-sena 2009;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` rikorrenti datata l-10 ta' Lulju tas-sena 2009;

Illi in vista tal-imsemmija ammissjoni tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Mario Mifsud iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-iskritturi privati ndikati mis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat Mario Mifsud biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' erbat elef, mija u erbghatax-il Ewro u erbghatax-il centezmu, (€4,114.14), skont l-imsemmija nota ta' riduzzjoni;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------